MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 1166/2003

**BCF Holdings Limited**

**vs**

**Louis Camilleri u martu Maria Camilleri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta’ Gunju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u tnejn u tletin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm632.55) rapprezentanti l-proll ta’ servizzi ta’ catering rezi mis-socjeta’ attrici lill-konvenuti, inkluz il-proll ta’ ikel u xorb kunsmat mill-konvenuti u l-mistednin taghhom waqt ikla li giet servita mis-socjeta’ attrici fir-restaurant fil-Club Resort Riza, il-Qawra fit-2 ta’ Frar 2003 liema servizzi ta’ catering, ikel u xorb gew ordnati mill-konvenuti u/jew per interess tal-konvenuti.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz u bl-imghax, kontra l-konvenuti.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew is-segwenti:-
Id-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenuti m'ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u m'ghamlux l-allegata ordni.
Subordinatament, fil-mertu, anki l-ordni li l-konvenuti ghamlu lil terza persuna kienet differenti minn dik allegata, tant fil-provvista kif ukoll fil-prezz.
Ghalhekk u fi kwalunkwe kaz, iid-domanada attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjes.

Sema' x-xhieda ta' Martin Ferry. Ha konjizzjoni tal-affidavits tal-konvenuti u ta' Marlene Ferry u Michael Ferry, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partiijiet.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi rrizulta li ghal habta ta' Dicembru 2002 l-konvenuti kienu kellmu lil Martin Ferry dwar riceviment li xtaqu jorganizzaw ghall-erbghin anniversarju ta' zwieg taghhom li kien ser jigi celebrat fi Frar 2003. Mill-provi rrizluta wkoll li Martin Ferry kien jiggestixxi restaurant fil-lukanda Riza, il-Qawra u li huwa kien jaghmel dan permezz tas-socjeta' BCF Holdings Limited. Il-konvenuti eccepew li huma m'ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici stante li huma dejjem tkellmu ma' Martin Ferry u qatt ma kienu a konoxxenza tal-fatt li kienet is-socjeta' attrici li kienet ser tipprovvdi s-servizzi ta' catering minnhom rikjesti. It-Tribunal jidhirlu li l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti hija ghal kollox infondata stante li rrizulta ampjament pruvat li huma rrikjedew is-servizzi ta' catering fir-restaurant tar-Riza Hotel li kien gestit minn Martin Ferry u fil-fatt inghataw dawn is-servizzi f'dan ir-restaurant kif mminnhom rikjest u minn Martin Ferry li minflok li kien qed jopera f'ismu

personali kien qed jiggestixxi dak in-negozju taht il-kappa tas-socjeta' attrici. Il-fatt li l-konvenuti setghu ma kienux a konoxxenza ta' dan ma jfissirx li huma ghandhom jitqiesu li ma kellhom ebda relazzjoni guridika mas-soxcjeta' attrici stante li kif diga' inghad is-servizz lilhom moghti inghata kif minnhom rikjest, u ciioe' mill-persuna li maghha huma kienu nnegozjaw u fil-post mitlub minnhom. Huma kienu jkunu gustifikati li jaghmlu din it-tip ta' eccezzjoni biss fl-eventwalita' li Martin Ferry kien ikun qabbad lil terzi joffru s-servizzi rikjesti mill-konventi minghajr ma jkollu x'jaqsam xejn mas-servizz offrut minn terzi.

Fil-mertu l-konvenuti eccepew li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa esagarat u ma jirriflettix il-prezz mifiteihem bejn il-partijiet. Huma jirritjenu li l-prezz kellu jkun ta' Lm6.25 ghal kull persuna u li dan l-ammont ghandu jigi mnaqqas ulterjorment  minhabba l-fatt li huma kienu provdew xi ftit mill-ikel li gie servut mis-ocjeta' attrici dakinhar tar-riceviment. Huma jinsistu li dan il-prezz ta' Lm6.25 ghal kull persuna kien gie kkwotat lilhom minn Martin Ferry meta huwa kien baghtilhom zewg menus biex jaghzlu wiehed minnhom. Dejjem skond il-konvenuti kein hemm qbil bejn il-partijiet li jintghazel il-menu ta' Lm6.25 izda  li huma kellhom jipprovdu xi items indikati fuq il-menu u proprju minhabba dan il-fatt hemm lok li l-prezz jitnaqqas ulterjorment.

Is-socjeta' attrici min-naha l-ohra tirribatti li huwa minnu li inizjalment hija kienet proponiet zewg menus, wiehed bil-prezz ta' Lm5.25 ghal kull persuna u l-iehor bil-prezz ta' Lm6.25 ghal kull persuna izda tghid ukoll li f'laqgha li saret mal-konvenuti fis-27 ta' Jannar 2003 huma kienu bidlu sostanzjalment il-Menu u ghalhekk iz-zewg propsti inizjalment kwotati minnha ma kienux aktar appliakbbli. Mil-fattura esebita a fol. 20 tal-process jirrizulta li s-socjeta' atttrici qed titlob ill-prezz ta' Lm10.50 ghal kull persuna oltre l-prezz tas-soft drinks u minerali ohra li gew ikkunsmati mill-mistednin dakinhar tar-riceviment.

Mix-xhieda tal-konvenuti u anki mix-xhieda ta' Marlene Ferry u Michael Ferry, kif ukoll mid-dokumenti li jinsabu esebiti a fol. 21, 25 u 35 tal-process jirrizulta li

effettivament sar bdil sostanzjali mill-Menus originarjament proposti mis-socjeta’ attrici ghal dak li kein gie serviit dakinhar tar-riceviment. Mill-provi rrizulta wkoll li s-socjeta’ attrici procdiet is-servizzi u l-provvisti li taghhom qed titlob il-prezz permezz tal-kawza odjeerna. Il-konvenuti qed jallegaw li l-prezz mifitehem ghal dak provdut mis-socjeta’ attrici kien ta’ Lm6.25 per person b’xi tnaqqis minhabba l-affarijiet li huma provdew izda huma ma rnexxilhomx jippruvaw li ntlahaq ftehim f’dan is-sens mas-socjeta’ attrici. It-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta’ attrici rnexxilha tipprova soddisfacentement li hija provdiet is-servizzi li taghhom qed titlob il-prezz u li ma kienx hemm ftehim minn qabel dwar il-prezz peress li kif diga’ ntqal aktar il-fuq sar tibdil sostanzjali mill-Menu li ghalih is-socjeta’attrici kienet ikkwotat prezz u ghalhekk il-proposti inizjali maghmula mis-socjeta’ attrici jistghu jitqiesu bhala li gew skartati mill-konvenuti. Il-fatt li l-konvenuti provdew xi items tal-ikel huwa pjuttost irrilevanti peress li l-prezz mitlub mis-socjeta’ attrici ma jirrigwardx biss il-prezz tal-ikel izda s-servizzi kollha konnessi mal-catering bhat-tisjir, il-post fejn sar ir-riceviment, in-nies li servew l-ikel ecc.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l;is-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u tnejn u tletin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm632.55), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------